**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Gunju 2022**

**Rik Gur nru : 49/2016 AGV fl-ismijiet:-**

**VB u ghan-nom tal-minuri Ka. u Ka**
**Vs**
**MB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors tar-rikorrenti tat-2 ta' Marzu 2016 fejn esponiet u bil-gurament taghha tikkonfema:-**

**<u>Dikjarazzjoni tal-fatti</u>**

Jien kont iltqajt mal-konvenut meta kelli hmistax-il sena. Kien ghadu d-dar ghand ommu u spiccajt dejjem gewwa ma' nanntu, u niehu hsiebha jiena.

Izzewwigna fil-15 ta' Lulju, 2005 meta kelli ghoxrin sena. Kont imdejjqa li se nizzewgu ghax kien hemm hafna problemi u vizzji fuqu. Imma ma stajtx niccaqlaq. Morna noqoghodu d-dar tieghu , Hal-Ghaxaq. Waqt it-tieg kien siker ghax kien qalli li hu xorob flixkun whisky.

Huwa kien jaf li ommi u missieri kienu tawni dar b' donazzjoni. Ommu u missieri kien ghamlu tajjeb biex seta' jixtri minibus gdid, ghax kien ix-xoghol tieghu.

Kellna t-tifla Ka, u hemm giet aktar responsabilita' fuqu. Darba indunat kien qed jabbuza fid-dar ma' certa R Z , bil-kokajina. Darba sibtlu lipstick fuq il- qmis, u nhela jigdeb.

Kellna hanut, u spiccajt niehdu hsiebu jiena. Ommu u jien ma konniex ningwalawha wisq, u kelli mmexxi l- hanut bl-ghajnuna t' ommi.

Kien hemm zmien meta infridna u domna minn Settembru sa Jannar, imma wara beda jerga' jipprova jirranga u jien hfirtlu. Missieri kien jinkwieta hafna minhabba fih. Spicca miet u lanqas ghal funeral ma gie l-konvenut.

Meta meta missieri, beda jinsisti li nbiegh id-dar li kien tani missieri, ghax kienet kbira. Kien qed imur ifittex propjeta' ohra ma' ommu. Bil-flus tal-bejgh tad-dar xtrajna penthouse Hal-Kirkop u zewg garaxxijiet, u garaxx iehor bejn il-hanut. Kien jikri l-garages. U l-flus ghal butu biss. Id-dar inbieghet 232. 937 Ewro. Barra minn hekk kont iwrit minghand €22,000. Beda jixtri fuq ismu .

Kien jiggerra lil hemm u lil hawn , jixrob bl-addocc. Imbaghad jigi bil-lejl u l-fatt jabbuzani. Gieli kien ikun vjolenti u jkisser, imbaghad jinfaxxa jghajjarni bil-familja, u jghidli li rnexxilu nbiegh id-dar, u flusi issa saru tieghu ukoll. It-theddid ma kienx jonqos.

Kienet ohtu B, stess li qaltli hafna affarijiet li ma kontx naf bihom.

Sirt naf li meta kont tqila, kien mar ma' mara ohra, DM

Darba kien gie kollu hlewwa imma f'ghaxar minuri inbidel, Kiser television u beda jaghtih bis-sieq. Cempilt lil ohtu, kien gie ghalih A', it-tifel taghha u qallu biex inehhi t-tv u jnizzlu fil-karozza, halli ma jkunx jista' johodlu ritratt. Dakinhar hadli ukoll il-flus, fil-portmoney u l-memory card.

Kien hemm okkazzjoni meta kien haraq ir-ritratti tat-tieg.

Is-sitwazzjoni dejjem kienet qed tiggrava, ighajjarni b' insulti goffi u jifrex id-dustbin mal-art b'vendikazzjoni, jaqta' il-wires, u trattament iehor verament mill-aghar.

Kont indunajt ukoll li ommu kienet qed tiffirma fuq cheque book taghna. Kelli nirraporta lil Pulizija, l-Ispettur Yvonne Farrugia.

Spicca ma hallasx dawl u ilma u l-penthouse kellna noqoghdu u spiccaw qataghulna s-servizzi kelli mmur noqghod ma' ommi, huwa dejjem jghix komdu, bil-boat, igorr it-tfaljiet, u lili u tfal halliena b' xejn.
Anka meta t-tifla kellha l-precett, lanqas biss gie, u kelli naghmel kollox jiena ghaliha.

Illi f'dawn ic-cirkustanzi jien kelli nfittex is-separazzjoni u bit-tama li jkolli hajja gdida.

**Kawzali**

Peress li l-hajja konjugali tkissret irrimedjabilment bejn il-partijiet, u dan bi htija unika tal-istess konvenut.

Peress li minn dan iz-zwieg hemm zewgt itfal minuri li jrid jigi provdut ghalihom.

Peress li l-mara ghandha propjeta' parafernali konsiderevoli li l-konvenut pprova jahbi li kieku kienet tal-komunjoni u ghalhekk hija trid lura l-istess propjeta'.

Peress li hemm komunjoni x' tinqasam u dan barra manteniment ghall-minuri.

**TALBIET**

Ighid il-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex :-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-attrici u zewgha l-konvenut, bi htija tal-konvenut.

2. Tordna li waqt li l-potesta' tal-genituri tibqa' kongunta, l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri, Ka u K jigu fdati esklussivament f 'idejn l-attrici u

dan fl-ahjar interess tal-minuri, u maghha jirrisjedu, filwaqt li takkorda lill-konvenut access matul il-gurnata, bl-eskluzjoni ta’ sleepovers.

3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghal uliedha minuri, manteniment adegwat u nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri.

4. Tapplika f’ kollox jew f’ bicca, fil-konfront tal-konvenut, il-provvedimenti tal-artikolu 48, 49, 51 u 55 tal-Kodici Civili.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

6. Wara li tinghata lil kull parti dak li hu parafernali, tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna d-divizjoni f’ zewg porzjonijiet.

7. Tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lil attrici u l-ohra lil konvenut.

8. Tassenja d-dar konjugali u cioe’ Penthouse, 10 Nadjer Court, Nadjer Street Kirkop, li nxtraw minn flus l-attrici biex tkun ukoll ir-residenza taghha u ta’ uliedha wara li jigi eskluz il-konvenut minn kull dritt fuq l-istess fond, u wara li jhallas il-kontijiet u spejjez relattivi, ghall-installazzjoni tad-dawl u l-ilma, fl-istess fond.

9. Tawtorizza lil attrici, li terga’ tibdel ghal kunjom xbubitha u cioe ‘Z’.

Bl-ispejjez inkluzi dawn tal-mandat ta’ sekwestru tal-lum stess, u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' MB fejn eccepixxa u bil-ġurament jikkonferma:**

**<u>EĊĊEZZJONIJIET</u>**

**1.** Illi l-eċċipjenti ma jopponix ruħu għall-ewwel talba limitatament għal-pronunzja tas-separazzjoni personali pero' jopponi ruħu li tali pronunzja għandha tkun imputabbli lilu u mhux lill-istess attriċi kif qiegħed jintalab fl-annessa kontra-talba.

**2.** Illi filwaqt li l-eċċipjenti ma jopponix illi l-potesta' tal-ġenituri tibqa' kongunta u filwaqt illi lanqas ma jopponi illi t-tfal minuri Ka u K jirrisjedu mal-attrici filwaqt illi jiġi akkordat lill-eċċipjenti aċċess adegwat, l-eċċipjenti jopponi għal bqija tat-talba attriċi u jirritjeni illi l-kura u kustodja ma għandix tkun fdata esklussivament lill-attriċi u għandha minflok tkun waħda konġunta;

**3.** Illi ġjaladarba l-manteniment mitlub huwa biss għat-tfal minorenni l-eċċipjent lanqas ma jopponi għat-tielet talba attriċi u dan dejjem tenut kont tal-introjtu limitat tal-eċċipjenti u l-kapaċita' tal-attriċi nfisha sabiex taħdem u tikkontribwixxi finanzjarjament għat-trobbija tat-tfal.

4. Illi r-raba' talba attriċi għandha tigi miċħuda u dan peress illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minħabba l-adulterji u sevizzi, tħeddid u inġurji da parti tal-attriċi tal-konfront tal-konvenut.

5. Illi l-eċċipjent ma jopponix għall-ħames, is-sitt u t-tmien, talbiet attriċi, salv dak li ser jingħad dwar id-dar matrimonjali u salv l-obbligu ta' ħlas lill-bank kreditur.

6. Illi l-eċċipjenti jopponi għad-disa' talba attriċi fl-intier tagħha peress illi llum ma jgħix ħadd fid-dar u kwindi ma hemm ebda raguni għalfejn parti għandha tkun vantaġġjata. Din id-dar ma għandhiex aktar titqies bħala dar matrimonjali u tinbiegħ. Wara li jitħallas l-krediti parafernali taż-żewg partijiet u s-self mal-bank, il-bilanċ għandu jinqasam bejn il-partijiet ugwalment. Ebda parti ma għandha tiġi prekluża tagħha jew tkun preġudikata (kif trid l-attriċi) meta bħala fatt ħadd ma hu qed jghix fid-dar.

7. Illi l-eċċipjenti ma joġġezzjonwax għat-talba għal bdil fil-kunjom.

8. Illi l-konvenut qiegħed jipprevalixxi ruħu minn din ir-Risposta ġuramentata sabiex jikkawtela kontro-talba kontestwalment.

**DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

Il-konvenut jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:-

1. Primarjament ngħid illi d-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attriċi hija mizgħuda b'gideb u inkorrettezzi mahsuba biss sabiex ikomplu ikissruni emozzjonalment u sabiex tqarraq d'din l-Onorabbli Qorti fid-decizjonijiet eventwali taghha specjalment fir-rigward tal-kura u kustodja tat-tfal minorenni u fix-xoljiment u likwidazzjoni tal-akkwisti.

2. Jiena ltqajt mal-attrici meta hi kellha hmstax-il sena u jien kelli sbatax-il sena. Kienet omm l-attrici stess illi gennitni sabiex nibda nohrog mal-attrici. Nghid illi V kienet ghaddejja minn problemi kbar ma‘ ommha u missierha. Lil missierha ma kienitx tkellmu, u ma’ ommha bdew jinqalghu diversi problemi meta din kellha partner gdid u riedet tmur toqghod mieghu gewwa il-Mellieha. V ma rieditx tmur ma ‘ ommha u allura jiena kont offrejtilha li tigi toqghod fid-dar tieghi flimkien ma ommi u n-nanna tieghi. Kienet hi li accettat din il-proposta. Nghid illi m’huwiex minnu illi hija kienet tiehu hsieb lin-nanna tighi. Nghid illi tant hu hekk, illi ommi sahansitra kienet iggib ghajnuna esterna sabiex tkun tista’ ddur bin-nanna kif inhu xieraq u ghalhekk l-ghajnuna ta’ V lanqas ma kien hemm bzonnha.

3. Nghid illi fil-fratemp jiena kont issugerejt lill-attrici sabiex tinsa d-differenzi taghha ma missierha. Hi hadet is-suggeriment tieghi u holqot relazzjoni mieghu u sahansitra konna ta’ spiss nohorgu ma ‘ missierha u mal-partner tieghu.

4. Ghamilna hames snin gharajjes. Madwar sentejn wara li bdejna nohorgu flimkien sirt naf minn MZ , habiba ta’ V, illi V kienet marret ma’ ragel iehor, certu JM. Kien gie jkellimni missierha dwar dan l-incident u talabni nahfrilha, u jien iddecidejt li niehu l-parir ta’ missierha sforz ir-rispett li kelli lejh.

5. Nikkonferma illi izzewwigna fil-15 ta’ Lulju, 2005. Kont jien li hallast ghat-tieg u kien swieni madwar sitt elef lira Maltin (Lm6,000). Konna morna noqoghdu d-dar tieghi gewwa Hal-Ghaxaq izda fil-frattemp jiena kont bdejt nirranga u ninvesti fid-dar li taha missierha gewwa z-Zurrieq. Kont bieghet zewg karozzi u l-flus li kont qlajt minn tali bejgh kont investejthom ukoll f’din id-dar bl-ghan illi din tkun id-dar matrimonjali

taghna. Kont ukoll bieghet garage gewwa Triq San Karlu, Hal-Ghaxaq ghall-prezz ta disgha t' elef Lira Maltin li jiena wkoll kont investejt gewwa l-fond taz-Zurrieq. B' kollox kont infaqt madwar hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) minn flus parafernali tieghi. Sahansitra kont ghent lill-attrici sabiex takkwista l-ewwel karozza taghha billi kont tajtha l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BON 600 ghal-liema kont diga' hallast elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2,500).

6. Kellna l-ewwel wild, Ka. Meta K kellha biss madwar sena u xahrejn, V kella relazzjoni extra-maritali ma' certu JB. Kienet l-attrici stess li ammettiet li kkomettiet adulterju. Jien hadtha bi kbira hafna u ghamilna madwar erba' xhur mifrudin u cioe' minn Settembru 2009 sa Jannar 2010. Madanakollu peress illi issa kellna anki nqis l-interessi tat-tifla taghna KA. f' Jannar 2010 jiena kont iddecidejt li nerga' nahfrilha.

7. L-attrici talbitni sabiex ikollna it-tieni wild, u jiena accetajt. Inqabdet tqila bit-tieni tifla taghna, K u kien propju f'dan il-perjodu illi miet missier l-attrici. L-insinwazzjoni illi missier l-attrici miet minhabba inkwiet li allegatament ikkawzajt jiena hija gidba, specjalment meta wiehed jara illi mhux talli dan l-inkwiet ikkawzatu kollu hi talli kont propju jien li inkorragejtha sabiex tirranga r-relazzjoni taghha ma missierha!.

8. F'dan il-perjodu konna bieghejna l-propjeta' gewwa iz-Zurrieq, xtrajna il-penthouse u bdejna nghixu fiha bhala d-dar matrimonjali taghna. Nghid illi mill-bejgh tal-propjeta' taz-Zurrieq konna xtrajna il-penthouse u zewg garages u mhux tlett garages kif tghid l-attrici.

9. Nghid illi hi qatt ma hadmet, la fi zmien l-gherusija u lanqas waqt iz-zwieg u dan minkejja illi ghada zghira u f'sahhitha. Konna nsiefru ta'spiss,

nohorgu nieklu u niddevertu u hija dan ghamiltu dejjem minn fuq dari. Kont jien biss li nhallas u nikkontribwixxi ghal hajja taghna u tat-tfal taghna. Jien kont niehu hsieb u niggestixxi hanut tad-detergents li jiena kont akkwistajt qabel izzewigt. M’huwiex minnu illi hi kienet tmexxi dan l-istess hanut bl-ghajnuna ta’ ommha. Nghid illi la hi u wisq inqas ommha ma qatt kienu jinzlu jghinuna fil-hanut! Nerga’ nishaq illi hija qatt ma hadmet u qatt ma kkontribwit finanzjarjament ghal-familja taghna. Kont jien biss li kont nerfa’ din ir-responsabilita’ waqt li hi kienet biss tara x’taghmel biex tkompli tonfoq flus li ma kelliex.

10. L-attrici tallega wkoll illi mort ma’ mara ohra. Nishaq illi lanqas dan ma huwa minnu. Di fatti din l-allegazzjoni qieghda konvenjentement issir biss issa f’kawza ta’ separazzjoni, izda naqset milli qatt issemmiha fil-hafna rikorsi u risposti il t-tnejn li ahna pprezentajna fl-atti tal-medjazzjoni.

11. L-attrici tissugerixxi repetutament li jiena kelli xi vizzji. Dan m’huwiex minnu. Jiena la qatt kelli jew ghad ghandi xi vizzji, la ta’ xorb u wisq inqas ta’ droga. L-episodju li tiddeskrivi l-attrici bil-gurament taghha, meta tghid illi darba qabdet lili u lil RZ  nabbuzaw mill-kokaina huwa biss gideb sfrenat immirat sabiex ittelifni mit-tgawdija taz-zewg uliedi.

12. Ironikament huwa pero’ il-mahbub il-gdid taghha  AS illi jinsab mixli fuq uzu u traffikar tad-droga!;

13. Illi di fatti dan kien l-ahhar adulterju mis-sensiela ta’adulterji li kkometiet l-attrici fil-konfront tieghi. Ftit xhur wara li konna bdejna nirrisjedu fil-penthouse immsemmija, V bdiet ta ‘ spiss tmur ghand ohti B fejn kien ukoll ikun hemm in-neputi ta’ ohti, l-istess AS. Regghet ikkommettiet adulterju

iehor u bdiet tohrog mieghu waqt li ahna konna ghadna mizzewgin u safejn naf jien ghada tohrog mieghu sal-lum il-gurnata.

14. Ghaddietni minn dan kollu minkejja li jiena dejjem rajt kif nista' nikkuntentaha, kemm finanzjarjament u anki fil-hajja personali taghha, u wara li hfirtilha bosta drabi ghan-nuqqasijiet kbar taghha u ghad-disrispetti kbar li kellha lejn iz-zwieg taghna. Hija kompliet tkissirni emozzjonalment u qaltli li ser tiftah proceduri ghas-separazzjoni. Wara li qaltli dan id-diskors, konna morna ghand marriage counsellor sabiex tipprova tghinha nirrangaw il-problemi taghna, problemi li wara kollox kienet ikkawzathom hi, izda kollox kien ghalxejn.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Guramentat tal-konvenut MB

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:-

**DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. Jiena ltqajt mal-attrici meta hi kellha hmistax-il sena u jien kelli sbatax-il sena. Kienet omm l-attrici stess illi gennitni sabiex nohrog mal-attrici. Nghid illi V kienet ghaddejja minn problemi kbar ma' ommha u missierha. Lil missierha ma kienetx tkellmu, u ma ommha bdew jinqalghu diversi problemi meta din kellha partner gdid u riedet tmur toqghod mieghu gewwa l-Mellieha. V ma rieditx tmur ma' ommha u allura jiena kont offrejtilha li tigi toqghod fid-dar tieghi flimkien ma' ommi u n-nanna tieghi. Kienet hi li accettat din il-proposta.

2. Nghid illi fil-frattemp jiena kont issuggerejt lill-attrici sabiex tinsa d-differenzi taghha ma' missierha. Hi hadet is-suggeriment tieghi u holqot relazzjoni mieghu u sahansitra konna ta' spiss nohorgu ma' missierha u mal-partner tieghu.

3. Ghamilna hames snin gharajjes. Madwar sentejn wara li bdejna nohorgu flimkien sirt naf minn M Z, habiba ta' V , illi V kienet marret ma' ragel iehor, certu JM. Kien gie jkellimni missierha dwar dan l-incident u talabni nahfrilha, u jien iddecidejt li niehu l-parir ta' missierha sforz ir-rispett li kelli lejh.

4. Izzewigna fil-15 ta' Lulju 2005. Kont jiena li hallast ghat-tieg u kien swieli madwar sitt elef lira Maltin (Lm6,000). Konna morna noqghodu d-dar tieghi gewwa Hal-Ghaxaq izda fil-frattemp jiena kont bdejt nirranga u ninvesti fid-dar li ta missierha gewwa z-Zurrieq. Kont bieghet zewg karozzi u l-flus li kont qlajt minn tali bejgh kont investejthom ukoll f' din d-dar bl-ghan illi din tkun id-dar matrimonjali taghna. Kont ukoll bieghejt garage gewwa Triq San Karlu, Hal-Ghaxaq ghal prezz ta disgha t'elef Lira Maltin li jiena wkoll kont investejt gewwa l-fond taz-Zurrieq. B'kollox kont infaqt madwar hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) minn flus parafernali tieghi. Sahansitra kont ghent lill-attrici sabiex takkwista l-ewwel karozza taghha billi kont tajt il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BON 600 ghal-liema jiena kont diga' hallast elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2,500).

5. Kellna l-ewwel wild , Ka. Meta Ka kellha biss madwar sena u xahrejn, V kellha relazzjoni adultera ma' certu JB. Kienet l-attrici stess li ammettiet li kkomettiet adulterju. Jien kont hadtha bi kbira hafna u

ghamilna madwar erba’ xhur mifrudin u cioe’ minn Settembru 2009 sa Jannar 2010. Madanakollu, peress illi issa kellna anki nqisu l-interess tat-tifla taghna Katrina, jiena kont iddecidejt li nerga’ nahfriha.

6. L-attrici talbitni sabiex ikollna it-tieni wild, u jiena accettajt. Inqabdet tqila bit-tieni tifla taghna, K u propju f’dan il-perjodu illi miet missier l-attrici.

7. F’dan il-perjodu konna bieghejna l-propjeta’ gewwa z-Zurrieq, xtrajna il-penthouse u bdejna nghixu fiha bhala d-dar matrimonjali taghna. Nghid illi mill-bejgh tal-propjeta’ taz-Zurrieq konna xtrajna penthouse u zewg garages. Dawn il-garages kont nikrihom, u mill-flus tal-kirja jien kont nara kif naghmel biex nkompli nghajjex lill-familja tieghi, inkluz lill-attrici.

8. Nghid illi hi qatt ma hadmet, la fi zmien l-gherusija u lanqas wara z-zwieg u dan minkejja illi ghada zghira u f’ sahhitha. Konna nsiefru ta’ spiss, nohorgu nieklu u niddevertu u hija dan ghamlitu dejjem minn fuq dari. Kont jien biss li nhallas u nikkontribwixxi ghal hajja taghna u tat-tfal taghna. Jien kont niehu hsieb u niggestixxi hanut tad-detergents li jiena kont akkwistajt qabel izzewigt. Nghid illi hi qatt ma giet il-hanut biex ittina daqqa ta’ id u qatt ma ressqet ‘l hemm tul iz-zwieg kollu taghna. Nerga’ nishaq illi hija qatt ma hadmet u qatt ma kkontribwit finanzjarjament ghall-familja taghna. Kont jien biss li kont nerfa’ din ir-responsabilita’ waqt li hi kienet biss tara x’ taghmel biex tkompli tonfoq flus li ma kellix;

9. Nghid illi z-zwieg tkisser irremedjabilment meta hija regghet marret ma’ ragel iehor cioe’ AS li huwa l-mahbub il-gdid taghha u li sa fejn

naf jiena, ghada tohrog mieghu sal-gurnata tal-lum. Dan kien l-ahhar adulterju mis-sensiela ta' adulterji li kkommettiet l-attrici fil-konfront tieghi. Dan gara meta ftit xhur wara li konna bdejna nirrisjedu fil-penthouse imsemmija, Victoria bdiet ta' spiss tmur ghand ohti B fejn kien ukoll ikun hemm in-neputi ta'ohti, l-istess AS.

10. Huwa fatt maghruf illi dan AS ghandu l-vizzju ta'droga u jinsab mixli fuq uzu u traffikar tad-droga. Jiena sirt naf illi l-attrici bdiet tohrog it-tfal taghna fil-kumpanija ta' dan AS. Sirt naf ukoll illi kien hemm incident tat-traffiku fejn l-attrici kienet fil-vettura taghha flimkien ma' AS u mat-tfal taghna fis-sieghat bikrin ta' filghodu, fejn b'konsegwenza ta' dan l-incident it-tfal tieghi spiccaw rikoverati l-isptar.

11. Ghaddietni minn dan kollu u dan wara li dejjem rajt kif nista' nikkuntentaha kemm finanzjarjament u anki fil-hajja personali taghha, wara li hfirtilha bosta drabi ghan-nuqqasijiet kbar taghha u ghad-disrispett kbir li kellha lejn iz-zwieg taghna. Hija kompliet tkissirni emozzjonalment u qaltli li ser tiftah proceduri ta' separazzjoni. Wara li qaltli dan id-diskors, konna morna ghand marriage councellor sabiex tipprova tghina nirrangaw il-problemi taghna, problemi li wara kollox ikkawzathom hi, izda kollox kien ghalxejn.

**12.** Nghid illi jiena gejt awtorizzat nipprocedi b'din l-istanza in forza ta'digriet moghti nhar 5 ta' Jannar 2016 ( **Dok.A).**

**<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>**

**1.** Peress illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta' Lulju 2005 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg itfal bl-isem ta' KA u K, it-tnejn minorenni.

2. Peress illi iz-zwieg bejnithom tkisser irremedjabilment minhabba tortijiet imputabli unikament lill-attrici, senjatament l-adulterju taghha oltre sevizzi, eccessi u ingurji gravi kontra l-intimat.

3. Peress illi minhabba t-tortijiet, hija ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand il-konvenut.

4. Peress illi huwa fl-iprem interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja tat-tfal tigi stabilita bhala wahda kongunta.

5. Peress illi fi kwalsiasi kaz ma hemmx kontestazzjoni illi t-tfal minorenni ghandhom jirrisjedu mal-attrici, izda madanakollu jinghad illi (i) l-esponenti ghandu jinghata access iktar flessibli u liberu u fin-nuqqas, ghandu jinghata access frekwenti b'hinijiet ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, (ii) u it-tfal ma ghandhomx ikunu esposti ghal terzi li ma humiex membri tal-familja tal-partijiet fil-hinijiet illi jkunu ma' wiehed jew ma' wahda mill-ġenituri.

6. Peress illi konsegwentament il-konvenut huwa lest li jhallas il-manteniment ghat-tfal minorenni, li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara xieraq u opportun gialadarda diga' kkunsidrat l-introjtu limitat tal-esponenti u l-kapacita' tal-attrici sabiex hi wkoll tahdem u tikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija ta' uliedhom.

7. Peress illi jehtieg li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi xjolta u likwidata flimkien mal-beni mizmuma minnhom in komun, kompriz il-fond matrimonjali tal-partijiet li ghandu jigi ddikjarat li jappartjeni liz-zewg partijiet indivizament bejniethom specjalment wara l-investiment kbir li l-eccipjenti ghamlu mill-flus parafernali tieghu sabiex saru diversi xogholijiet u benefikati hemm imsemmi kif ukoll fil-fond fejn kienu precedentement ighixu l-partijiet u cioe' l-fond bl-indirizz 14, Country View, Triq Loreto Cutajar, Zurrieq liema likwidazzjoni ghandha wkoll tikkontempla l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artiklu 48(1)(b) u (c)tal-Kodici Civili kontra l-attrici.

8. Peress illi hemm diversi kredituri , kwalunkwe assenjament ta' beni favur l-attrici ghandu jsir biss jekk id-dejn dovut lill-kredituri tal-komunjoni tal-akkwisti partikolarment dawk inkombenti fuq il-beni relattiva, jigi assenjat ukoll lil attrici.

9. Peress illi l-attrici ghandha tigi ddikjarata li tilfet il-jedd kontemplat fl-Artikolu 48(1)(a) tal-Kodici Civili.

**<u>TALBIET</u>**

Tghid ghalhekk l-attrici ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronuzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici senjatament l-adulterju taghha oltre sevizzi, eccessi u ingurji gravi kontra l-intimat.

2. Tiddikjara illi l-attrici iddekadiet mid-drittijet kontemplati fl-artikolu 48 (1) (a) (b) u (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tistabbilixxi d-data ta' dekadenza.

3. Tiddikjara konsegwentement illi l-attrici ddekadiet li tircievi manteniment minghand il-konvenut.

4. Tiddikjara illi l-kura u kustodja tat-tfal minorenni Ka u K ghandha tkun wahda kongunta.

5. Tillikwida l-ammont ta' manteniment dovut ghat-tfal minorenni Ka u K sakemm dawn isiru maggorenni u wara li jigi kkunsidrat l-introjtu limitat tal-esponenti u l-kapacita' tal-attrici sabiex hi wkoll tahdem u tikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija ta' uliedhom.

6. Tordna access liberu u flessibbli favur l-konvenut esponenti fil-kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi t-tfal ghandhom jirrisjedu mal-attrici u fin-nuqqas, ghandu jinghata access frekwenti b'hinjiet ffisati minn din l-Onorabbli Qorti billi jigu kkunsidrati il-hinijiet prezentament iffissati permezz ta' digriet pendente lite ta' din l-Onorabbli Qorti oltre kwalunkwe zieda ta' tali senjatament nhar ta' Gimgha.

7. Tordna illi t-tfal minorenni ma ghandhom fl-ebda hin ikunu prezenti ma' persuni li m'humiex membri tal-familja tal-partijiet, specjalment ma' partners prezenti jew futuri taghhom.

8. Tordna illi ebda persuna tas-sess oppost ghall-genitur li jkollu l-kustodja fattwali tat-tfal ma jista' jorqod fil-fond fejn ikunu rieqdin it-tfal.

9. Fin-nuqqas illi l-konvenuta tikser l-ordni mposta s-sitt u s-seba' talba, tafda l-kura fattwali tat-tfal minorenni f' idejn il-konvenut u b'dan li tordna wkoll illi it-tfal jibdew jirrisjedu kontinwament mal-konvenut, tillikwida l-manteniment konsegwentement dovut lilu ghat-tfal minghand l-atrrici u takkorda lill-attrici drittijiet ta' access.

10. Torda x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha b'mod li tapplika kontra l-attrici l-provvediment tal-Artikolu 48(1) (b) u (c) tal-Kodici Civili nkluz li f'tali sens tistabilixxi data meta l-istess attrici ghandha tigi meqjusa hatja tal-firda u prevja occorrendo ukoll dikjarazzjoni li l-fond matrimonjali jappartjeni liz-zewg partijiet b'mod ugwali bejniethom.

11. Tordna d-divizjoni tal-attiv u l-passiv prevja okkorendo ukoll il-fond matrimonjali ghandu jinbiegh sabiex jigu saldati d-debiti tal-komunita' tal-akkwisti inkluz dawk fid-debiti parafernali tal-partijiet.

12. Tikkundanna lill-attrici sabiex tirritorna lill-konvenut l-beni parafernali tieghu jew fin-nuqqas thallas dik is-somma li tigi likwidata bhala rapprezentanti l-valur tal-istess beni.

13. Bl-ispejjez dawk inkorsi fil-proceduri ta'medjazzjoni kontra l-attrici, illi hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Risposta Guramentata** ta'  VB  ghal Kontro -Talba ta' MB

Tghid u bil-gurament tikkonferma

1. Illi t-tkissir taz-zwieg kien unikament tort ta' trattament hazin li kellha l-esponenti minghand  MB. Illi sussegwentement stabbilit relazzjoni, huwa minnu daqs kemm huwa minnu illi l-istess  MB relazzjonijiet u jiftahar bihom fuq Facebook.

2. Iz-zewg partijiet ghandhom jigu ddikjarati dekaduti skond l-Artikolu 48 kif ukoll minn dritt ta' manteniment reciproku  illi l-esponenti topponi ghax mhux fl-ahjar interss tat-tfal illi l-kura ul-kustodja tkun kongunta perss illi tali kura u kustodja kongunta hija biss finzjoni u tohloq problemi aktar milli ssolvi.

3. Illi ghalkemm il-konvenut rikonvenzjonanti jghid li jrid jaghti manteniment qed jghid li ghandu introjtu limitat meta fil-fatt ghandu negozju li jahbih taht isem haddiehor u meta fil-fatt dana dejjem ibiddel karozzi ta' lussu u anke liberu u flessibli peress illi tali access ghandu jkun fl-interess tal-minuri u skond l-esigenzi tal-minuri u mhix kapricc da parti ta' xi wiehed mill-genituri.

4. Rigward is-seba' talba it-tfal diga' gew esposti ghal terzi persuni u fis-socjeta tal-lum specjalment in vista tad-divorzju u anke ta' l-annullament kemm civili u kemm ekklezjastiku r-rizultat se jkun li se jigu esposti ghal haddiehor. Dana wkoll japplika ghat-tmien talba u d-disa' talba.

5. Illi dwar il-komunjoni ta l-akkwisti dina hija verament limitata ghaliex il-beni li ghandhom il-partijiet gej minn wirt u d-donazzjonijiet li rceviet l-esponenti u li gew konvertiti u nnegozjati minn MB halli jidher illi ghandu n-nofs . Specjalment rigward id-dar matrimonjali illi inxtrat bi flusha.

6. Salv eccezzjonijiet ohra .

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

1. Il-partijiet kienu ghadhom teenagers meta ltaqghu. Il-problemi ma' omm l-attrici kienu bdew peress li hi u zewgha kienu qed jisseparaw u l-konvenut kien heggeg lill-attrici sabiex terga' tibni relazzjoni ma' missierha, peress li kienet tarah biss biex tigbor il-manteniment. Minhabba f'hekk, omm l-attrici ma kellhiex grazzja mieghu, iktar u iktar peress li kellhom relazzjoni tajba ma' missier l-attrici u kienu jiltaqghu u johorgu flimkien.

   L-attrici kienet ghamlet zmien tghix mieghu u l-familja tieghu u kienet damet xi erba' snin, imbaghad kien ipproponilha biex jizzewwgu u dan kien fl-2004.

   Kienu marru joqoghdu fid-dar li l-genituri tal-attrici tawha b'donazzjoni, izda kellu problemi bil-fatt li fil-kuntratt ta' donazzjoni kien hemm klawsola li l-genituri taghha setghu joqoghdu hemm u kellhom access ghad-dar ghax zammew cavetta. Fil-fatt missier l-attrici kien ghamel zmien ighix maghhom.

Il-konvenut jikkonferma li kien nefaq cirka Lm25, 000 fuq id-dar, fejn biddel id-dawl u ilma, irranga l-faccata, kien anke ghamel garaxx li jinfetah bl-elettriku. Ighid li kien anke xtara l-appliances u biddel it-tank tal-ilma. Kien anke hallas il-bolol tal-kuntratt. Biex sab il-flus kellu jbiegh garaxx li kellu Hal Ghaxaq.

Kellu ukoll minibus li kienet xtratlu ommu li mbaghad kien partu ma' hanut bl-istock kollox. Wara li zzewwgu kkonferma li kien rega' xtara minibus, izda kien zamm il-hanut. Jichad li l-attrici kienet tinzel tghinu fil-hanut. Anzi jghid li kienet ommu li kienet tghinu.

Ighid ukoll li kellu xoghol iehor billi jbiegh u jpartat il-karozzi.

**<u>Adulterju</u>**

Tmien xhur wara li twieldet Ka., il-konvenut jikkonferma li kien ried jiltaqa' mal-attrici meta kienet il-festa ta' Santa Katerina, izda dakinhar u l-ghada ma ltaqax maghha u ma regghetx marret id-dar. Sar jaf minghand il-kugin tal-attrici li kienet marret ma' wiehed JB. Imbaghad kienet cemplitlu sabiex tinfurmah li ma kinitx sejra lura d-dar u li kien spicca kollox bejniethom.

Kellu jitlaq mid-dar u mar ighix ghand ommu u spicca li kellu jiehu parir sabiex jara lil bintu Ka.

Kienu ser jibdew bil-proceduri ta' separazzjoni u lejliet li kellhom jitilghu l-Qorti, l-attrici kienet baghtitlu messagg fejn ammettiet mieghu li kellha relazzjoni qasira ma' dan Josef u fuq insistenza t'ommha ma kinitx qed tkellem lill-konvenut. Baqghu sakemm dakinhar iddecidew li jergghu jippruvaw isalvaw iz-zwieg.

Dak iz-zmien  kien imantniha u marru lura flimkien, sakemm omm l-attrici baqghet theddidha li kellha kull dritt tghix maghhom, tant li spiccaw telghuha l-Qorti u l-attrici ma baqghetx tkellimha peress li kienet tmur taghmel ix-xenati wara l-bieb.

Wara xahrejn li rrangaw, l-attrici harget tqila b'K. Kollox kien miexi harir tul dan il-perjodu.

L-attrici mbaghad iddecidiet li riedet tbiegh id-dar, izda ma setghetx taghmel hekk minhabba l-klawsola li kellha fil-kuntratt li l-genituri taghha kellhom id-dritt li jghixu hemmhekk. Kien ghalhekk li ddecieda li jixtri appartament biex iserrah mohhu li ghandu fejn imur u l-ewwel 15% harighom hu mill-flus li kien jaqla' mill-introjtu tieghu. Sadanittant kien jikrih.

Wara hafna glied m'omm l-attrici kienet cediet li l-post jinbiegh bil-kundizzjoni li jekk tigi homeless jaghtuha flat. L-attrici ghalhekk bieghet il-post u mir-rikavat kellha thallas xi flus lil zitha, kienu anke xtraw karozza, siefru u bir-rimanenti €160,000 kienu xtraw penthouse li kienet shell form. [1]

Ighid li kien arma l-post b'cirka €70,000 mill-flus tal-paga u x-xoghol extra li kien jaghmel.

Kien xtara ukoll il-garaxx magenb il-hanut li kellu bzonnu bhala store u kien jiswa' €28,000 bil-bolol kollox.

L-affarijiet regghu qalbu ghall-aghar, meta l-attrici saret taf lil certu A li kien ikun ta' spiss ghand ohtu, li kienu iffrekwentaw regolarment. Il-glied beda u l-attrici heddidtu li kienet ser tkellem avukat. Sakemm kien hemm il-proceduri baqghu joqoghdu flimkien

---

[1] Dok. MB 1

u l-konvenut ighid li kien ihallas ghall-ikel, il-kontijiet, kif ukoll il-manteniment ghat-tfal. Ighid ukoll li dak iz-zmien l-attrici kienet tohrog u tidhol fis-sieghat bikrin ta' filghodu.

Kienet bdiet tinsulentah mhux biss id-dar, izda anke meta jkun ix-xoghol, flimkien m'ommha. Sar jaf ukoll li l-attrici kienet battlet il-garaxx ta' Triq San Benedettu Hal Kirkop, Kien hemm l-ghodda u l-affarijiet relatati mad-dghajsa u spiccat tikrih ad insaputa tieghu.

Ighid ukoll li spicca li kellu hafna inkwiet mal-partner A tal-attrici, tant li spiccaw il-Qorti.[2]

Minn dakinhar li bdew il-proceduri ta' separazzjoni, l-attrici bdiet tipprova thammgu u li kellu vizzju tad-droga. Hu jinnega dan kollu u jghid li huma giddeb biss tal-attrici.

**MANTENIMENT**

Il-konvenut jikkonferma li dejjem kien ftehim fuq il-manteniment u dejjem onera l-obbligi tieghu. Bhalissa qed ighaddilha s-somma ta' €400 ghaz-zewgt itfal Ka u K skond id-digriet tal-5 ta' Novembru, 2014 ta' dina l-Qorti.[3]

L-uniku ntopp li hemm huwa l-mod kif jithallas dan il-manteniment.

**Access**

Skond id-digriet tal-5 ta' Novembru, 2014, il-konvenut inghata access ghall-uliedu kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u s-Sibt, izda qed

---

[2] Dok. MB 7
[3] Dok. MB 8 u MB 9

jarahom biss xi darbtejn fix-xahar, ghaliex l-attrici dejjem issib l-iskuzi, tant li jhoss li llum bil-kemm jafhom lit-tfal.

**ASSI**

a) Penthouse bl-arja bil-valur ta' €350,000 li nxtrat in parti mill-flus li qalghu fuq il-bejgh tad-dar matrimonjali li kienet parafernali ghall-attrici ghall-prezz ta' €223,000. Minn dawn l-attrici kienet hallset xi djun, bolol u akkwistat vettura u l-bilanc ta' €165, 000 intuza sabiex jinxtara l-fond. Il-penthouse kien inxtara gebel u saqaf. Kien hemm biss il-madum. Hadu ukoll garaxx mal-penthouse.
b) Garaxx fi triq San Benedittu, Kirkop - €35,000.[4]
c) Zewg garaxxijiet fi Triq Nejder, Kirkop - €50,000 rispettivament.[5]
d) Flat 9, Magdalene Court, Triq il-Wied, l-Imsida - €200,000[6]
e) Dghajsa - €25,000

Il-konvenut jikkonferma li kien nefaq Lm25,000 biex irranga d-dar matrimonjali. Parti minn dawn il-flus gew mill-bejgh ta' garaxx li kien inghata lilu bhala donazzjoni u cioe' l-fond numru 41, Triq San Karlu, Ghaxaq.[7] Dan il-garaxx bieghu ghall-prezz ta' €11,656.[8]

Ighid ukoll li kien hareg xi spejjes qabel iz-zwieg fil-fond fl-ammont ta' €14,894.48.[9] Kien hemm ukoll xi flus li kienu f 'kont fixed u

[4] Dok. MBY 27
[5] Dok. MBY 26
[6] Dok. MBY 26
[7] Dok. MBY 8
[8] Dok. MBY 9

[9] Doks. MBY 10-24

dawn kienu jammontaw ghal €9,320 u kienu hemm qabel - u gew zbankati fiz-zwieg ghall-ispejjes tal-familja.

Ighid li ghandhom €155,000 li huwa dejn mal-Bank of Valletta plc sal-31 ta' Dicembru, 2021. Meta bdew bil-proceduri tas-separazzjoni kien waqaf ihallas. Kienu hadu overdraft sabiex jarmaw il-penthouse. Jaqbel illi gieli ommu uzat ic-cekk book, izda l-hrug ta' cekkijiet kien relatat mal-hanut u ta' dan kemm hu kif ukoll l-attrici kienu konsapevoli. Ighid li kien tah prokura lil ommu, imbaghad kienet l-attrici li waqqfitha.

Ikkonferma li kijen hemm kumpilazzjoni kontrih peress li l-attrici allegat li kien frodiha €2,500.

Ikkonferma li meta telaq mid-dar ma baqax ihallas il-kontijiet tad-dawl li kienu ta' cirka €2000 u kienu qatghu d-dawl u l-attrici u uliedha kellhom jitilqu. Kienet hallset il-kont l-attrici.

Bhala dejn ighid ukoll li kellhom ukoll kera tal-garaxx, kif ukoll dejn mal-mastrudaxxa fl-ammont ta' €9,918.80.[10]

Dwar il-hanut ighid li nehhih u l-istock kien uzah biex ihallas lill-agenti.

Ighid ukoll li l-garaxx ta' Hal Kirkop, kien gie mikri mill-attrici lil C u NF u kienu hallsu xi haga lill-attrici biss.[11] Illum dan il-garaxx qed jaghmel uzu minnu biss AS, il-partner tal-attrici. Ghalhekk spiccaw li tilfu kera fl-ammont ta' €3,600 fuq perjodu ta' sentejn.

[10] Doks. MBY 28
[11] Dok. MBY 29-30

2. L-attrici tichad li kienet telqet mid-dar minhabba kunflitt ma' ommha u l-partner taghha peress li kellhom xi jghidu ma' missierha. Tghid li marret tghix mal-familja tal-konvenut fuq insistenza tieghu. Tametti li hi u l-konvenut kienu hallsu ghall-funeral ta' missierha minkejja li tghid li l-konvenut kien jobghod lil missierha.

   Tinnega li l-konvenut u ommu kienu jiggestixxu l-hanut, anzi tghid li omm il-konvenut kienet tmur b'kapricc. Tghid li kienet tmur ghaliha fil-hamsa ta' filghodu sabiex imorru jifthu l-hanut ghax il-konvenut kien jibqa' rieqed. Il-kera tal-hanut kienet ta' cirka €5 kuljum. In kontro-ezami semmiet li kienet marret ghand il-pulizija u rrapportat li kienet marret il-hanut u sabet lill-konvenut u ommu u dan kien  minhabba li dak iz-zmien il-konvenut kien kecciha u ma ridix tahdem hemmhekk izjed. Tghid f'dan iz-zmien kienet tiftah omm il-konvenut.

   Tghid li l-Vat kien jiehu hsieb li jhallsu l-konvenut. Ghall-istock tispjega li kienu jixtru on credit terms. Ic-cekkijiet kienet tiffirmahom omm il-konvenut ghan-nom tal-konvenut u kemm il-darba lmentat maghha.  Meta bdew bil-proceduri ta' separazzjoni, kienet fil-fatt irrappurtatha mal-Bank of Valletta plc.

   Tametti li ommha kienet bdiet tippretendi li tmur tghix maghhom u dan minhabba dak li kien jistipula l-kuntratt ta' separazzjoni. Tametti ukoll li kellhom jikkumpensawha sabiex ma tmurx toqghod hemmhekk.

   Tikkonferma li l-ewwel darba li kienu nfirdu kien minhabba li kkommettiet adulterju u llum tikkonferma li qiedgha f'relazzjoni ma'  AS  u ghandhom tarbija flimkien.

3. ASP., omm l-attrici tghid li lment ta' bintha kien li l-konvenut ma kienx itiha flus, kien imur jaghmel ix-xirja wahdu, kif ukoll kien ihobb johrog wahdu. Ma kienx irid johrog bit-tfal u hafna drabi kienet izommilhom it-tfal fil-weekends sabiex johorgu flimkien. Pero' kien hemm okkazzjonijiet meta kienu johorgu u kien ighajjarha u jhallih warajh.

   Kien hemm zmien fejn kienu ggieldu u l-konvenut kien telaq u mar ighix ghand ommu. In kontro-ezami, dwar l-allegazzjoni tal-adulterju mwettaq minnha, ghalkemm ma kkonfermatx irrispondiet li anke l-konvenut kien imur ma' nisa ohra u taf li l-attrici kienet tohrog mal-hbieb.

   Hi u zewgha kienu taw il-post fejn kienu joqoghdu l-kontendenti z-Zurrieq u dan kienu tawuhla b'donazzjoni. Kienet tlewmet mal-konvenut, meta wara li miet zewgha, ried ibiegh id-dar taz-Zurrieq u m'accettatx. Kien anke beda jcahhadha mit-tfal. Kien anke gellieda mal-attrici ghax kienet tibza' minnu.

   Eventwalment, kienu bieghu l-post u fil-kuntratt ta' bejgh kien hemm li l-konvenut kellu jtiha flat jew €100,000, izda dan qatt ma sehh.

   Ikkonfermat ukoll li llum l-attrici ghandha tarbija minghand ragel iehor.

4. NF ikkonferma li kien wella l-hanut tad-detergents minghand il-konvenut u ghal istess twellija kien tah €10,000. Ighid li ma kienx qed ihallas kera ghall-garaxx li kien hemm magenb il-hanut. Kera lill-attrici ma jtihix u lanqas ma taha xi rigal ghall-pussess tal-post,

pero’ hu u martu kienu ddecidew li jaghtu rigal ta’ flus lill-attrici fl-ahhar tas-sena.

5. MB , omm il-konvenut, filwaqt li tikkonferma li fiz-zmien l-gherusija, l-attrici kellha problemi mal-familja taghha peress li l-genituri taghha kienu sseparati, kienet marret tghix maghhom u damet xi erba’ snin.

Tikkonferma li kienet tat garaxx lill-konvenut li kien biegh sabiex jirranga d-dar fejn kienu bi hsiebhom imorru jghixu l-kontendenti ghax kienu ddecidew li ser jizzewwgu. Kienet ukoll bieghet flat fl-istess zmien u kienet ghaddiet il-flus lill-konveut sabiex jixtri minivan biex jibda l-business tieghu. Wara xi erba’ xhur qabel iz-zwieg, il-konvneut kien partat il-minivan ma’ hanut u spiccat li kienet tmur tghinu ta’ spiss, peress li ftit xhur wara li zzewwgu l-attrici kienet harget tqila. Hafna drabi kienet tkun wahedha ghaliex l-attrici kienet regghet harget tqila u l-attur kien imur hdejha sabiex ighinha.

Xi ghaxar xhur wara li kellhom l-ewwel wild Ka, il-konvenut kien qallha li l-attrici kellha wicc haddiehor ma’ certu J ighidulu Kapsi. L-attrici kienet bdiet theddu biex jitlaq mid-dar ghax inkella ma kinitx thallih jara lit-tifla u ghalhekk il-konvenut kien mar ighix maghha. Sadanittant, l-attrici kienet bdiet il-proceduri ta’ separazzjoni, izda tlett xhur wara, l-attrici kienet regghet bdiet tigri wara l-konvenut biex jirrangaw, anke jekk ammettiet li kienet marret ma’ ragel iehor.

Tghid li halliet f’idejn il-konvenut sabiex jiddeciedi u ma ndahlitx u fil-fatt irrangaw u kienet titratta lill-attrici daqs li kieku ma gara xejn, Fil-fatt, l-attrici kienet fethet qalbha maghha u

qaltilha li kienet fuq insistenza t'ommha li kienet marret ma' ragel iehor. Fil-fatt, wara li l-partijiet irrangaw, l-attrici ma baqghetx tkellem lil ommha.

Tghid ukoll li l-attrici kienet qaltilha li kienet imdejjqa mizzewwga u kienet ratha tinbidel fil-konfront taghha u kienet taraha differenti.

Wara li rrizulta li kellha relazzjoni ma' certu AS u kienet qaghdha mieghu sallum u ghandha tarbija minghandu u dan meta l-konvenut kien dejjem jirrispettaha u ma kien jonqosha xejn.

6. BB , oht il-konvenut tispjega li ma tantx kellha relazzjoni mal-attrici u saret tafha meta marret taghtiha r-rigal tat-tieg. Tghid li l-attrici qatt ma kienet taghmel kuntatt maghha u qatt ma kienet tmur ghandha, kien imur biss il-konvenut.

Kienet rat lil K. biss meta bdew bl-ewwel proceduri ta' separazzjoni u l-istess kien ghamel il-konvenut wara li rrangaw u kellhom it-tieni wild, kien gabilha l-album tar-ritratti.

Kien biss meta kienu gew mistiedna l-party ta' li bhala koppji bdew relazzjonijiet tajbin bejniethom u kienu jiffrekwentaw lil xulxin ta' spiss. Kien meta l-attrici kienet qed tghinha torganizza l-quccija ta' binha f'Marzu, 2014, li l-attrici saret taf lil AS li kien in-neputi ta' zewgha.

Uliedha kienu qalulha li kienu raw lill-attrici tmiss saqajn Schembri minn taht il-mejda u mbaghad kienet bdiet toqghod attenta biex tara jekk kienx hemm xi haga u kienet konvinta li kien hemm peress li kienet tarahom iharsu lejn xulxin, kellhom

hafna kunfidenzi u kienet indunat li kienu jibghatu messaggi lil xulxin.

Kien f'dan iz-zmien li l-konvenut kien mar ma' zewgha l-Inghilterra sabiex inizzlulha karozza u ghalkemm l-attrici kienet qaltlu li kienet ser tkun ghandha hafna lanqas ratha tul il-gimgha kollha u lanqas ghamlet kuntatt maghha. S kien imur ftit u jerga' jitlaq. Meta l-konvenut wasal, l-attrici damet ma waslet l-ajruport u tghid li huha kien ammetta maghha li l-attrici kienet cemplitlu xi darbtejn biss u hafna drabi l-mobile kien ikun mitfi.

L-ghada stess kien inqala' hafna ghawg ghaliex l-attrici qalet lill-konvenut li riedet titilqu u huha kien talabha biex tintervjeni u hi u zewgha ppruvaw ighinuhom. L-attrici u AS ma baqghux imorru ghandhom, sakemm darba marru ghandha l-ufficcju u spicca gew fl-idejn u spiccaw il-Qorti.

Tghid li l-ahhar li rat lill-attrici kien fis-7 ta' Gunju, 2018 f'party tal-precett tal-familja u kien hemm l-attrici u S u setghet tikkonferma li kellhom tarbija. Kien hemm ukoll ulied il-partijiet li ma kellmuhiex, filwaqt meta jkunu mal-konvenut ikellmuha.

Tul dawn l-ahhar erba' snin, il-konvenut jahdem maghhom u jkun imdejjaq hafna ghax l-attrici ma thallix jara lit-tfal.

7. Karen Cremona, in rapprezentanza ta' Trasport Malta kkonfermat li f'isem il-konvenut kien hemm tul iz-zmien 32 vettura u présentement ghandu zewg vetturi.[12]

[12] Dok. KC 1 u KC 2

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABBILITA'**

**ADULTERJU**

L-adulterju kien dejjem problema f'dan iz-zwieg. Ftit wara li zzewwgu l-partijiet kienu telqu lil xulxin minhabba li l-attrici kellha relazzjoni ma' certu JB skond il-konvenut. Ighid li mar ighix m'ommu ghax l-attrici kienet heddidtu li ma jarax lil bintu jekk jibqa' jghix fid-dar matrimonjali.

Fuq dina r-relazzjoni, il-konvenut u x-xhieda li pproduca semplicement ikkonfermawha u ma tressqux provi konkreti u konvincenti f'dan ir-rigward. Huwa fatt ikkonfermat li kienu ghamlu xi zmien mifrudin, izda mbaghad irrikonciljaw. L-attrici in kontro-ezami tikkonferma li dak iz-zmien kienet ikkommettiet adulterju.

Hija iktar konvincenti l-allegazzjoni tal-adulterju ma' AS li jaghmel il-konvenut. Illum l-attrici qiedghda f'relazzjoni mal-istess u ghandha sahansitra tarbija minghandu. S huwa n-neputi tar-ragel t'oht il-konvenut u kien ikun ghandhom ta' spiss u minn hemm saret tafu l-attrici. Ghalkemm oht il-konvenut tghid li kienu uliedha li gibdulha l-attenzjoni li kienu raw lill-attrici tmiss saqajn S minn taht il-mejda u bhala xhieda hija detto del detto, pero' dina tissahhah meta oht il-konvenut tikkonferma hi stess li bdiet taghmel l-ghassa fuqhom u ndunat li kien hemm certi kunfidenzi zejda, kif ukoll kienet tinnota li kienu jidhluhom il-messaggi fuq il-mobile, fl-istess hin u kienet taqbadhom iharsu lejn xulxin.

Oht il-konvenut isemmi ukoll li ftit qabel l-attrici qalet lill-konvenut li riedet tissepara, huha u zewgha kienu msiefrin l-Inghilterra u tul dak il-perjodu l-attrici qatt ma marret ghandha u S bilkemm resaq. Addiritura l-konvenut stqarr li sakemm kien l-Inghilterra l-attrici kienet kellmitu darbtejn biss, il-bqija t-telefon kien dejjem maqtugh. Dan gieghlu jissusspetta hazin u fil-fatt xi gimgha wara l-attrici talbitu s-separazzjoni.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

***"… l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". ("Rosina Micallef vs Angelo Micallef" Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".***

L-assjem tal-provi fuq dan l-allegat adulterju ma' AS ifasslu indizji u prezunzjonijiet gravi bizzejjed sabiex jikkonvincu lil dina l-Qorti li kien hemm adulterju li wassal ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg.

**KURA U KUSTODJA**

Il-minuri KA. u K dejjem ghexu mal-attrici u ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq dan, minkejja li l-konvenut ghamel talba ghall-kura u kustodja konguntiva fil-kontro-talba. Il-konvenut dejjem jinsisti fuq l-access milli fuq li jkollu kura u kustodja tal-minuri. Ghalkemm mill-provi jirrizulta li kien hemm zmien fejn kien hemm problemi bl-access ghall-minuri u l-attrici tinsisti li l-konvenut dejjem kien isib skuza sabiex ma jarax lil uliedu, maz-zmien dina s-sitwazzjoni tjiebet. Il-konvenut stess jammetti li llum uliedu jfittxuh, wara li kien hemm perjodu fejn l-attrici kif ukoll il-partner taghha Alfred Schembri kienu jdawwruhom kontrih.

Fin-nota pprezentata mill-konvenut fis-16 ta' Jannar, 2020, stqarr li prezentement l-access qed jigi ezercitat fis-segwenti mod:-

i) Kull nhar ta' Tnejn mis-16.30 sas-19.30;
ii) Kull nhar ta' Erbgha mill-16.30 sas-19.30;
iii) Sleepover mill-Gimgha sas-Sibt;
iv) Fil-btajjel tal-Milied, tal-Ghid u tas-sajf l-access u s-sleepovers jistghu jizdiedu;
v) Fis-sajf access ta' ghaxart ijiem shah biex isiefru jew imorru Ghawdex mal-konvenut.

Ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni da parti tal-attrici u lanqas biss qajjmet oggezzjoni fuq dawn il-modalitajiet ta' access fis-sottomissjonijiet taghha.

Ghalhekk, dina l-Qorti tafferma li l-kura u kustodja ghandha tibqa' wahda esklussiva ghall-attrici, filwaqt l-access ghandu jigi ezercitat fil-granet fuq suriferiti biz-zieda li s-sleepover jigi ezercitat bejn il-

Gimgha fl-4.30 pm sas-Sibt sas-7.30 pm u kif fuq imsemmi l-hin tas-sleepovers jista' jizdied b'saghtejn.

**MANTENIMENT**

Presentement, il-manteniment li qed jithallas mill-konvenut ghall-minuri huwa ta' €400 fix-xahar, kif ukoll qed jinqassmu nofs l-ispejjes edukattivi u ta' manteniment.

Il-konvenut mhux qed jikkontesta dan l-ammont, filwaqt li l-attrici qed titlob li dan il-manteniment ghandu jigi awmentat sabiex jirrifletti l-htigijiet li ser ikollhom il-minuri matul iz-zghozija taghhom.

Il-Qorti dejjem trid tikkunsidra l-mezzi tal-genituri li minnu qed jigi pretiz il-manteniment. Il-konvenut resaq provi li kien ghamel xi zmien jiggestixxi hanut. Kien ukoll jahdem bi-minivan, kif ukoll ibiegh u jpartat il-karozzi. Illum pero' jirrizulta li l-konvenut huwa mpjegat ma' ohtu, fejn huwa flessibbli sabiex ikun jista' jara lit-tfal kull meta jkollu cans. Inoltre, il-konvenut jirrizulta li kien diagnostikat b'kancer [13] u ghalhekk il-kapacita' lavorativa tieghu hija ftit jew wisq inkonsistenti sakemm jikkura ruhu. Ghandu jigi pprecizat pero' li dwar l-andament tal-kura u dwar l-istat ta' sahha tieghu ma tressqux provi mill-konvenut u lanqas fil-mori tal-kawza ma nghatat xi informazzjoni ulterjuri.

Ghal dan il-ghan tikkonferma li l-manteniment li ghandu jithallas lill-minuri ghandu jibqa' dak ta' €400 fix-xahar ghaz-zewg ulied u dan ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja, filwaqt li

[13] Ara case summary mill-Isptar Boffa Vol. II

l-istess manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jibdew jahdmu jew jaghlqu tmintax jew jekk ikomplu jistudjaw sakemm jaghlqu 23 sena, liema wahda minn dawn tavvera ruhha l-ewwel.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-assi li jiffurmaw il-komuinjoni tal-akkwsiti huma s-segwenti:-

a. Il-penthouse internament immarkat bin-numru 10 formanti parti minn blokka ta' appartamenti u garaxxijiet bl-isem « Nejder Court » Triq Nejder, Kirkop, kif ukoll zewg garaxxijiet mhux ufficjalment immarkati numru 5 u 7.

   Jirrizulta li l-partijet qed jaqblu li l-attrici ghandha prelevament ta' €165,000, flus li ghamlet meta bieghet l-fond li kienet inghatalha b'donazzjoni mill-ġenituri taghha u wara li hallset xi spejjes, l-ammont fuq surriferit gie ntuzat sabiex inxtara l-appartament internament immarkat numru 9 formanti parti minn blokka ta' appartamenti bl-isem Magdalene Court, Triq il-Wied Msida. Il-post kien inxtrara gebel u saqaf u kellu l-madum.

b. Garaxx bin-numru 63, Triq San Benedettu, Hal Kirkop.

c. Dghajsa rregistrata f'isem il-konvenut.

d. Vetturi rregistrati f'isem il-partijiet.

Id-dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti jikkonsisti fis-segwenti:-

a. Dejn mas-socjeta’ Bank of Valletta plc. u dan jifforma meritu tal-proceduri gudizzjarji fl-ismijiet Bank of Valletta plc. vs MB et. (Rikors guramentat 758/16 RGM). [14]

b. Dejn dovut lill-mastrudaxxa fl-ammont ta’ €9918.80.

Il-konvenut jikkonferma li kien nefaq cirka Lm25,000 fuq id-dar, fejn biddel id-dawl u ilma, irranga l-faccata, kien anke ghamel garaxx li jinfetah bl-elettriku. Ighid li kien anke xtara l-appliances u biddel it-tank tal-ilma. Kien anke hallas il-bolol tal-kuntratt. Biex sab il-flus kellu jbiegh garaxx li kellu Hal Ghaxaq li kien inghatalu bhala donazzjoni u cioe’ l-fond numru 41, Triq San Karlu, Ghaxaq.[15] Dan il-garaxx bieghu ghall-prezz ta’ €11,656.[16]

Ighid ukoll li kien hareg xi spejjes qabel iz-zwieg fil-fond fl-ammont ta’ €14,894.48.[17] Kien hemm ukoll xi flus li kienu f’kont fixed u dawn kienu jammontaw ghal €9,320 u kienu hemm qabel - u gew zbankati fiz-zwieg ghall-ispejjes tal-familja.

L-attrici qed tikkontesta li mill-ammont pretiz mill-konvenut u cioe’ l-ammont ta’ €14,894.48 mhux l-ircevuti kollha jikkostitwixxi prova ta’ pagament li marru lejn id-dar matrimonjali. Wara li l-Qorti ezaminat l-istess dokumenti esebiti jirrizulta li mhux l-ircevuti kollha huma prova ta’

[14] Fol. 17b. de6 tal-process.
[15] Dok. MBY 8
[16] Dok. MBY 9

[17] Doks. MBY 10-24

pagament da parti tal-konvenut. Dawk li huma jammontaw ghal €3007.46.[18]

Dina l-Qorti taqbel ukoll ma’ dak sottomess mill-attrici li rigward l-ammont li l-konvenut isostni li hareg u cioe’ l-ammont ta’ €9, 320 ghall-bzonnijiet tal-familja ma jirrizultax li gie ppruvat u dan minhabba li d-dokument li jirreferi ghalih huwa statement ta’ fixed deposit li jindika bilanc ta’ Lm4000 li gew migbuda mill-konvenut, izda fejn marru dawk il-flus ma ngabux provi.

Di piu’ l-konvenut qed jippretendi ukoll li jiehu prelevament fl-ammont ta’ €11,656, liema somma jallega nharget minnu mill-bejgh tal-fond numru 41, Triq San Karlu, Ghaxaq, li kienet parafernali. In sostenn ta’ dan, il-konvenut ipprezenta Dokument MBY 9, li effettivament mhux kuntratt ta’ bejgh, izda kif ipprecisat l-attrici huwa biss konvenju. Omm il-konvenut ukoll tikkonferma li sar bejgh ta’ dan il-garaxx pero’ hi ukoll naqset li tipprovdi kopja tal-kuntratt finali ta’ bejgh.

Ghalhekk, dina l-Qorti ma tistax tiehu dina s-somma in konsiderazzjoni.

**PROPRJETAJIET OHRA**

L-assi l-ohra li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti huwa zewg garaxxijiet fl-istess blokk ta’ appartamenti fejn tinstab il-penthouse u cioe’ Nejder Court, fi Triq Nejder, Kirkop, kif ukoll garaxx iehor li jgib in-numru 63, Triq San Benedettu, Kirkop.

[18] Doks, MBY 12, MBY 13, MBY 15, MBY 16, MBY 17, MBY 18, MBY 21

Hemm ukoll l-appartament numru 9, Magdalene Court, Triq il-Wied, l-Imsida.

L-attrici qed tippretendi li zzomm id-dar matrimonjali, kif ukoll iz-zewg garaxxijiet li hemm fl-istess blokk ta' appartamenti u l-garaxx li jinstab fi Triq San Benedettu, Hal Kirkop u dan a saldu ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll a saldu tal-prelevament taghha.

Ciononostante, donnu l-attrici qed tipprova tnessi lil dina l-Qorti li ghandha tort kbir ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, meta dan mhux il-kaz u lanqas m'ghandu jmur ghall-vantagg taghha. Il-fatti juru mod iehor, kif f'dan ir-rigward dina l-Qorti diga' ppronunzjat ruhha u tissottolineja li ghandha tiehu dan in konsiderazzjoni u tixhet fuq l-adulterju l-piz li haqqu.

Konsegwentement, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti ma tistax taqsam l-assi formanti parti tal-komunjoni f'ishma ugwali u ghalhekk tikkonkludi li l-komunjoni ghandha tinqasam fis-segwenti mod;-

**<u>Lill-Attrici</u>**

i) Id-dar matrimonjali u cioe' l-penthouse 10, Nejder Court, Triq Nejder, Kirkop, ghandha tigi assenjata lill-attrici u dan jinkludi fih il-prelevament ta' €165,000 li hija ntitolata ghalih.

**<u>Lill-konvenut</u>**

ii) Il-garaxxijiet numru 5 u 7 f'Nejder Court.

iii) Flat 9, Magdalene Court, Triq il-Wied, Msida.

iv) Garaxx 63, Triq San Benedettu, Kirkop.

**Vetturi u Dghajsa**

Jirrizulta li parti minn negozju tal-konvenut kien li jbiegh jew ipartat il-vetturi u fil-fatt ir-rapprezentant tat-Transport Malta kkonferma li kien hemm diversi vetturi rregistrati f'isem il-konvenut. In ogni caso dawn kienu parti minn negozju tieghu li kien jaghmel zmien qabel fiz-zwieg. Illum jirrizulta li ghandu biss zewg vetturi rregistrati fuq ismu.

Dwar vetturi li jaghmlu uzu personali taghhom kulhadd ghandu jzomm il-vettura li hija rregistrata fuq ismu.

Dwar id-dghajsa, li hija rregistrata f'isem il-konvenut ghandha tigi assenjata lilu u dan a saldu ukoll ta' sehemhu mill-prelevament li huwa ntitolat ghalih kif imfisser iktar 'l fuq. Ghalkemm ma ngabux provi dwar dina d-dghajsa ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni fuq l-ezistenza taghha.

**DJUN**

Bhala dejn jirrizulta li hemm mal-Bank of Valletta plc u dan jifforma meritu tal-proceduri gudizzjarji fl-ismijiet Bank of Valletta plc. vs MB et. (Rikors guramentat 758/16 RGM)[19] peress kif jammetti l-konvenut stess ma baqax ihallas. Fl-istess kawza il-konvenut baqa' kontumaci. Sal-24 ta' Jannar, 2020 id-dejn mal-Bank of Valletta plc. kien jammonta ghal €176,277.[20]

---

[19] Fol. 17b. tal-process.
[20] Dok. MBY A1

Dejn dovut lill-mastrudaxxa fl-ammont ta' €9918.80 u dan huwa kkonfermat bl-ittra ufficjali ai termini tal-Kap.166A tal-Kapitolu 12.[21]

Tenut kont tal-fatt li l-bilanc mal-Bank of Valletta plc. baqa' jakkuluma peress li l-konvenut waqaf ihallas dan ghandu jigi assunt minnu.

Id-dejn dovut lil EA, ta' Azzopardi Woodworks fl-ammont ta' €9,918.80 ghandu jinqasmu bejn il-partijiet.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba b'dana li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament lill-attrici, filwaqt li l-access ghandu jigi ezercitat skond kif imfisser iktar 'l fuq.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiffissa l-manteniment fl-ammont ta' €400 ghall-minuri kull xahar sakemm ighalqu tmintax-il sena jew jibdew jahdmu jew sakemm jaghlqu 23 sena jekk kemm il-darba jkomplu jistudjaw full time.

---

[21] Dok. MBY 28

L-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

4. Tichad ir-raba' talba attrici.

5. Tilqa' l-hames talba attrici.

6. Tilqa' s-sitt u s-seba' talba attrici u tillikwida u tiddividi s-sehem taghhom skond kif imfisser iktar 'l fuq.

7. Tilqa' d-disa' talba attrici u in kwantu l-hlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma dawn gew saldati fil-mori tal-kawza.

8. Tilqa' d-disa' talba attrici.

**KONTRO-TALBA**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba in kwantu s-separazzjoni hija r-rizultat tal-adulterju tal-attrici.

2. Tilqa' t-tieni kontro-talba.

3. Tilqa' t-tielet kontro-talba.

4. Tichad ir-raba' kontro-talba peress li fdat il-kura u kustodja esklussivament f'idejn l-attrici.

5. Tilqa' l-hames kontro-talba u tordna l-hlas ta' manteniment ghall-minuri skond kif deciz iktar 'l fuq.

6. Tilqa’ s-sitt kontro-talba in parte skond kif gie deciz iktar ‘l fuq.

7. Tichad is-seba’ u t-tmien kontro-talba attrici in kwantu l-kontendenti ghandhom partners rispettivi.

8. Tichad id-disa’ kontro-talba stante li jrid ikun hemm bdil fic-cirkostanzi li jiggustifikaw tali tibdil,

9. Tilqa’ l-ghaxar kontro-talba b’dan li tikkonferma li d-data ta’ meta l-attrici rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju hija Marzu, 2014, filwaqt li tichad li d-dar matrimonjali tappartjeni liz-zewg partijiet b’mod ugwali stante dak li gie deciz iktar ‘l fuq.

10. Tilqa’ l-hdax-il kontro-talba skond kif imfisser, likwidat u assenjat iktar ‘l fuq.

11. Tilqa’ t-tnax-il kontro-talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attrici.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**